MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2128/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs.**

**Martin Vella**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm216.71) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 9989 4533.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut giet regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u sittax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm216.71), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------